MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2005

Numru 1/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Raphael Axiak**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 1 tas-sena 2003 kontra l-akkuzat Raphael Axiak, li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Kap wahdani li nhar it-Tlieta, disgha w ghoxrin ta' Jannar, tas-sena elfejn u tnejn (2002), ghall-habta tal-hdax u kwart ta' filghodu, ix-xena fl-inhawi ta' triq gdida li tidhol ghaliha minn Triq Wied is-Seqer, Victoria, Ghawdex, kienet wahda tal-biza, w kollox kien jindika li hemmhekk kien ghadu kemm sehh delitt fejn il-vittma ta' qtil maghmul minn haddiehor kien Anthony Axiak ta' erbgha w hamsin sena.

Quddiem garaxx fuq il-gemb tan-naha tax-xellug tal-imsemmija triq, fuq in-naha ta' gewwa, kien hemm roqgha mdaqqsa ta' demm mal-art, madwarha tlett skratacc, tnejn

sparati u wahda shiha, mentri fuq in-naha l-ohra tat-triq, f'gemb taht munzell trab faccata tal-imsemmi garaxx, kien hemm arma tan-nar zghira (pistola) mixhuta fl-art. Ftit il-boghod mill-imsemmija roqgha demm, kien hemm zarbuna, pjuttost slip-on tas-sieq ix-xellugija ta' ragel u taht il-hajt tal-istess garaxx kien hemm f'gemb minnhom mazz cwievet.

Din kienet ix-xena li sabu l-Pulizija malli accedew fuq l-imsemmi post wara li kienu gew infurmati li kienet ghadha kemm sehhet xi taqtiegha fl-istess post bejn tnejn min-nies. kif il-Pulizija waslu fuq il-post sabu, anzi mar fuqhom mill-ewwel Raphael Axiak li eventwalment, fil-kors tal-investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija, infurmahom fid-dettal bl-akkadut.

Irrizulta li Raphael Axiak, li jahbat wiehed mit-tfal tal-vittma, kien guvni u jghix fl-istess dar tal-vittma missieru, flimkien ma hutu William, Simone, Tonina (Sic.) w ommhom. Bhala xoghol, Raphael Axiak kien jahdem flimkien ma missieru fl-industrija tal-bini, izda missieru ma tantx kien regolari fil-hlas li kien jaghtih. Jidher li fuq firxa twila ta' snin, Anthony Axiak ma tantx kien xi missier ezemplari; kien ta' karattru stramb, dixxiplina estrema fejn ftit kien ihalli lok ghall-imhabba paterna, u ftit li xejn kien jifhem lil uliedu. B'dana kollu, jidher li Raphael Axiak ukoll kellu l-istrambexxi tieghu, tant li kien l-iktar wiehed fost hutu li ma tantx kien igawdi relazzjonijiet tajba ma missieru. Kien jiffissa li missieru kien jiddiskrimina kontrih, jitrattah bhala l-inqas wiehed fost l-ulied kollha, li ma tantx kien jafdah. F'kelma wahda, minhabba din is-sitwazzjoni reciproka ta' nuqqas ta' fiducja w tensjoni, Raphael Axiak, maz-zmien, beda jinbed fih karattru irraxxibbli li mal-inqas argument seta facilment jipperikola l-hajja tal-istess missieru.

Kien ghalhekk li nhar id-29 ta' Jannar, 2002, Raphael Axiak kien qed jobsor u janticipa li kien sejjer f'xi hin minnhom jerga jinqala' argument bejnu w missieru, tilwima ohra fuq xi haga jew ohra, probabilment fuq il-fatt li missieru kien ilu jghabbi inutilment bid-dejn in-negozju tal-familja fl-industrija tal-kostruzzjoni.

Kien ghalhekk ukoll, li dak in-nhar Raphael Axiak, ghall-ewwel darba f'hajtu w f'tali sitwazzjoni, ddecieda li jgorr fuqu arma tan-nar, precizament pistola kkargata w li kien xtara ghall-prezz ta' mitejn u tletin Lira Maltin b'mod illegali. Dak in-nhar, din il-pistola kien qieghed igorrha fil-but tal-lemin tal-gakketta tieghu.

Dak in-nhar, huwa kien qieghed ghand iz-ziju tieghu meta f'hin minnhom tfacca ghall-gharrieda missieru Anthony. Kif soltu kien jigri, rega' nqala argument bejniethom, l-ewwel bil-kliem, imbaghad b'element ta' vjolenza fizika, kemm min-naha kif ukoll mill-ohra. F'mument minnhom, Raphael Axiak tar ghal fuq missieru, imbuttah ma trakk biswit u beda jtih. Missieru rritalja, izda li ta kien l-istess Raphael Axiak. Kif it-tnejn li huma kienu ghadhom qeghdin jippruvaw jigu f'taghhom, kien propju dan il-hin li Raphael Axiak, filwaqt li ftakar bil-pistola li kellu fuqu, gieh il-hsieb li joqtol lil missieru.

B'dak il-hsieb u intenzzjoni specifika, Raphael Axiak hareg l-arma tan-nar mill-but, immiraha lejn ras missieru w spara tir. Ghalkemm missieru ntlaqat, baqa fuq saqajh u pponta sabiex jissielet ma ibnu w jehodlu l-arma. Raphael irresistieh, u kif missieru safa b'daru lejh, rega' mmira l-arma lejn rasu w spara zewg tiri ohra. Minhabba li hawnhekk l-arma wehlet, tir minnhom ma hax, izda t-tir l-iehor kellu mira perfetta, tant li missieru rega' ntlaqat f'rasu w waqa' mal-art stendu mejjet. Ghalkemm Raphael seta' jobsor li hawnhekk missieru kien miet, xorta wahda deffes f'mohhu li kien ghadu jarah iferfer u ghalhekk, mar fuqu waqt li kien stendut fl-art u beda jtih diversi daqqiet b'siequ go rasu.

Ghadda ftit hin u Raphael Axiak dlonk intebah kompletament li kien ghadu kemm wettaq delitt ikrah ta' omicidju volontarju fuq il-genitur tieghu.

Illi b'eghmilu l-imsemmi Raphael Axiak sar hati ta' omicidju volontarju w cioe' talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil missieru Anthony Axiak jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, ikkagunalu l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali,  fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Raphael Axiak hati ta’ omicidju volontarju, u cioe’ talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta’ prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211 (1)(2), 222 (1)(a), 492, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum stess li bih b’sebgha (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra,  sabu lill-akkuzat mhux hati tal-Kap wahdani tal-Att tal-Akkuza ghax agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu.

Tiddikjara lil Raphael Axiak mhux hati tal-Kap wahdani tal-Att tal-Akkuza.

Rat l-Artikolu 487 tal-Kap. 9, tiddikjara lill-akkuzat mehlus, u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra,  tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------